u, bejn l-iskrizzjonijiet għal-Lussemburgu u l-Olanda:

"L - UNGERIJA

Il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin joħroġ il-karti ta' identità li ġejjin lill-membri tal-persunal tar-rappreżentazzjonijiet barranin. L-istrixxa kkulurita f'nofs il-karta ta' l-identità tindika l-kategoriji differenti:

a) Strixxa kaħla

Dawn il-karti ta' l-identità huma maħruġa lid-diplomatiċi u lill-membri tal-familja tagħhom u lill-uffiċjali b'rank diplomatiku f'organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-membri tal-familja tagħhom






(b) Strixxa ħadra

Dawn il-karti ta' l-identità huma maħruġa lill-persunal tekniku u amministrattiv tal-missjonijiet diplomatiċi u lill-membri tal-familja tagħhom u lill-uffiċjali ta' b'rank tekniku u amministrattiv f'organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-membri tal-familja tagħhom


MAGYAR KÖZTÁRSASÁG
KÜLÜGYMINISZTÉRIUMA
IGAZOLVÁNY
KÉPVISELET IGAZGATÁSI ÉS MŰSZAKI SZEMÉLYZETE
ÉS CSALÁDTAGJAIK RÉSZÉRE
Név.........................................
..............................................
Képviselet.................................
..............................................
Rang........................................
Sorszám: A 210808
Érvényes.....................................


IGAZOLVÁNY
Születési idő.................................
Lakcím.........................................
BEJEGYZÉSEK
BAR-kód helye

(ċ) Strixxa roża

Dawn il-karti ta’ l-identità huma maħruġa lill-membri tar-rappreżentazzjonijiet konsulari u lill-membri tal-familji tagħhom






(d) Strixxa safra

Dawn il-kart ta’ l-identità huma maħruġa lill-persunal domestiku tal-missjonijiet jew tar-rappreżentazzjonijiet diplomatiċi jew konsulari ta’ organizzazzjonjiet internazzjonali u lill-membri tal-familji tagħhom






(e) Strixxa ħadra ċara

Dawn il-karti ta' l-identità huma maħruġa lill-membri ta' rappreżentazzjonijiet ta' pajjiżi barranin u organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-membri tal-familji tagħhom, u huma xhieda ta' immunitajiet u privileġġi diplomatiċi limitati






L-informazzjoni fuq in-naħa ta' quddiem tal-karti ta' l-identità hija din li ġejja:

L-isem

Ir-rappreżentazzjoni

Grad

Numru tas-serje

Validità

Ritratt

In-naħa ta' wara għandha l-informazzjoni li ġejja:

Karta ta' l-Identità

Id-data tat-twelid

L-indirizz

Notamenti:

1. Nota dwar l-immunità

2. Id-data tad-dħul fis-servizz

Spazju għal *BAR code* (Il-*BAR code* għadu mhux użat)

Numru ta' identifikazzjoni tar-reġistru tad-*data*

Aspetti ġenerali tal-karti:

Id-dokument huwa llaminat bil-fojl (l-istampa tal-fojl tidher hawntaħt). Id-dokument ma jgħaddix ilma minnu, ma jista' jsirlu ebda tibdil mingħajr ma ssirlu ħsara u għandu l-elementi ta' sigurtà li ġejjin: kontenut uv, protezzjoni *micro-letter*, karta immetallizzata.

